MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 317/2012

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat kongunt tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Gunju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta’ Lulju 1990;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti igguramentaw ir-rikors kongunt taghhom;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati sa mill-21 ta' April, 2004 u illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ippruvaw ukoll illi ir-rikorrenti CD iddekadiet mid-dritt moghti lilha ta' manteniment u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut fir-rigward tat-tifel minuri X.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------